Ref: MFJ/DCS/117/2023

Ċirkulari Nru HR/MFJ 08/2023

Ministeru għall-Ġustizzja
Auberge d'Aragon
Misraħ Indipendenza
Il-Belt Valletta VLT 1521

Data: 24 ta' Novembru 2023

Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi
Il-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku

**Espressjoni ta' Interess minn fost l-Uffiċjali Pubbliċi u dawk tas-Settur Pubbliku biex jiġu assenjati sigħat addizzjonali fil-ġimgħa barra l-ħin normali tal-Uffiċċju u jwettqu dmirijiet amministrattivi fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern fil-Ministeru għall-Ġustizzja**

1. F'konformità mal-kunċett tal-mobilità tal-impjiegi, li jsaħħaħ l-esperjenza tat-tagħlim tal-individwu filwaqt li jindirizza l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, is-Segratarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja qiegħed ifittex li jidentifika Uffiċjali Pubbliċi/Uffiċċjali tas-Settur Pubbliku adatti biex iwettqu dmirijiet kif imsemmija hawn fuq, għal perjodu ta' tlett (3) snin, li jista' jiġġedded għal aktar perjodi. Il-kandidati magħżula jintalbu jikkommettu lilhom infushom li jaħdmu minimu ta' għaxar (10) sigħat fil-ġimgħa. Tali sigħat jinħadmu fost il-ġimgħa, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa wara l-ħin normali tal-Uffiċċju.

2. Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati tali dmirijiet, iwieġbu lid-Digitisation Co-ordinator fejn jiġu assenjati. Dawk magħżula jkunu jridu jattendu għal taħriġ apposta. L-intervista u t-taħriġ jista' jkun li jsiru waqt il-ħin tax-xogħol filgħodu.

**Termini u Kundizzjonijiet**

3. Is-salajru marbut mad-dmirijiet amministrattivi huwa ta' Skala ta' Salarju 16, li fis-sena 2023 huwa ekwivalenti għal €7.39 fis-siegħa (f'konformità mas-Salarju ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta) mħallsa pro-rata skont in-numru ta' sigħat maħduma. L-Uffiċjali magħżula jintalbu sabiex jaħdmu minimu ta' għaxar (10) sigħat fil-ġimgħa.

**Dmirijiet**

4. L-uffiċjali eliġibbli huma għalhekk mistiedna jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom biex jiġu assenjati dmirijiet amministrattivi barra l-ħin normali tal-Uffiċċju. Id-dmirijiet huma deskritti fl-Anness 'A'. L-uffiċjali ssekondati/mislufin/detailed/deployed/on attachment ma' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà meħtieġa, jistgħu japplikaw ukoll.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

5. Sad-data u l-ħin tal-għeluq ta' din l-Espressjoni ta' Interess, l-applikanti eliġibbli għandhom ikunu fil-grad ta'

mhux anqas minn Skrivan mas-Servizz Pubbliku, jew mhux anqas minn grad / skala ta' salarju komparabbli fis-Settur Pubbliku. Huwa mitlub li l-applikanti jkollhom kwalifika ta' MQF Livell 3 fl-IT u jkunu sensittivi għan-natura delikata tad-dokumenti. Barra minn hekk, l-applikanti għandhom jiżguraw il-protezzjoni ta' kwalunkwe dokument relatat max-xogħol, data personali u/jew kunfidenzjali kif definit mill-GDPR u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

5.1 L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk humiex adatti għal dawk id-dmirijiet deskritti f'Anness 'A'. Il-kandidati magħżula jintalbu jikkommettu lilhom nfushom li jaħdmu minimu ta' għaxar (10) sigħat fil-ġimgħa. Tali sigħat jinħadmu fost il-ġimgħa bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa wara l-ħin tal-Uffiċċju.

6. Kull kwalifika u esperjenza dikjarata għandha tkun sostnuta b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom ikunu skennjati u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://www.recruitment.gov.mt).

6.1 Iċ-ċertifikati/traskizzjonijiet u/jew it-testimonjanzi oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista mingħajr ebda eċċezzjoni.

7. Bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kwalifiki msemmija fil-paragrafi 7.1 u 7.2 hawn taħt, l-applikanti huma meħtieġa li jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA), li għandha tinkiseb billi tiġi ppreżentata "Applikazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki" online fuq (https://mfhea.mt/academic-qualifications/). Din id-dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-espressjoni ta' interess u l-oriġinali ppreżentata fl-intervista.

7.1 Qabel ma jitolbu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent skont il-paragrafu 7 ta' hawn fuq fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, il-kandidati għandhom l-ewwel jikkonsultaw id-"Database tal-Kwalifiki ta' Malta" tal-MQRIC li tista' tiġi aċċessata minn http://qualifications.ncfhe.gov.mt/#/dashboard. L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif imsemmi fil-paragrafu 7 jekk jippreżentaw kwalifiki elenkati f'din il-lista. Kopja ta' din il-lista, inkluża l-kwalifika, għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

7.2 Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet ta' akkreditazzjoni ta' Malta, li huma l-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS; jew kwalunkwe kwalifika Maltija li tkun ġiet akkreditata mill-MQRIC , li fuq iċ-ċertifikat tiddikjara: "L-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla tqis dan iċ-ċertifikat bħala MQF ___".

7.3 Fil-każ ta' kwalifiki mhux koperti minn 7.1 u 7.2, l-applikanti għandhom jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif deskritta fil-paragrafu 7. L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni xorta jistgħu jissottomettu espressjoni ta' interess, sakemm jissottomettu kopja tad-dikjarazzjoni lid-Dipartiment/Direttorat riċeventi hekk kif tkun disponibbli, u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti jistgħu jiġu vvalutati b'mod proviżorju filwaqt li jkunu għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC tal-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat fi żmien erba' (4) xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, tali applikanti jiġu skwalifikati mill-proċess tal-għażla. Barra minn hekk, soġġett għad-disponibbiltà tal-postijiet battala, l-inkarigu tal-assenjament ma jistax jiġi ffirmat qabel ma jiġi riċevut ir-rapport pożittiv tal-ekwivalenza mingħand l-MQRIC.

8. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla se jiġi ppubblikat mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u jkun esebit fuq in-noticeboard tal-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, 2/3, Triq Mikiel Anton Vassalli, il-Belt Valletta VLT1310.

8.1 Petizzjonijiet li joġġezzjonaw għar-riżultat tal-proċess tal-għażla għandhom jaslu għand is-Sur Cleavon Vella, Assistent Direttur, Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern, 2/3, Triq Mikiel Anton Vassalli, il-Belt Valletta VLT 1310 fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

**Sottomissjoni ta' l-Applikazzjoni**

9. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a), u dikjarazzjoni mill-kandidat li l-ħinijiet dedikati għal dan ix-xogħol mhumiex kunflinġenti mal-ħinijiet tax-xogħol attwali tal-applikant, liema dikjarazzjoni trid tkun konfermata mill-Kap tad-Dipartiment. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-Ministeru/Dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, u ħaddiema tas-Settur Pubbliku, l-HR Unit tal-Ministeru/Dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal rapport ta' kwalunkwe perjodu ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa jew fuq

bażi part-time, leave mingħajr ħlas inkluż leave tal-mard mhux imħallas u/jew kwalunkwe perjodu ta' assenza mid-dmirijiet tagħhom, kif ukoll rapport ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali rapport jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku, l-HR Unit tal-Ministeru/Dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal konferma mingħand id-Direttur responsabbli mill-Immaniġġjar tan-Nies tal-Ministeru (fejn l-applikanti qed iwettqu d-dmirijiet) li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2023**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

a. Meta jiffirmaw l-applikazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet rispettivi, il-Kap tad-Dipartiment/Entità jkun qiegħed jikkonferma l-ħin uffiċjali tat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol tal-kandidat u li b'hekk ma jkun hemm l-ebda kunflitt mal-ħinijiet tax-xogħol relatati mad-dmirijiet amministrattivi; u li jirrilaxxa lill-kandidati għal sezzjoni waħda ta' taħriġ ta' mhux aktar minn nofs ta' nhar matul il-ġurnata tax-xogħol.

10. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

11. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

12. Applikanti jingħataw sa jumejn (2) tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

13. L-Uffiċjali magħżula jridu jiffirmaw dokument li jixhed l-impenn tagħhom lejn l-assenjament li ntgħażlu biex jagħmlu.

Johan Galea
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Ġustizzja

SVP